**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Fl-atti tat-Talba CCT 219/21/F

**Aimee Cassar u d'digriet tat-Tribunal datat 14 ta' Ġunju 2022, ġie inkluż ukoll Robert Cassar (KI 238276M) bħala Rikorrent**

**vs**

**Eximus Services Ltd**
**u**
**Omajco Cleaners Ltd**

Illum, 8 ta' Mejju, 2023

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mir-Rikorrent nhar il-21 ta' Diċembru 2021;

Ra r-Risposta ippreżentata mill-azjendi intimati konġuntivament nhar id-9 ta' Marzu 2022;

Ra d-Digriet tal-14 ta' Ġunju 2022, fejn permezz tiegħu ġie inkluż in ġudizzju ukoll Robert Cassar, żewġ ir-Rikorrenti oriġinali Aimee Cassar u dan ai fini ta' integrità tal-ġudizzju;

Sema' x-xhieda bil-ġurament;

Ra d-dokumenti ppreżentati.

**Ikkonsidra:**

Illi permezz tat-talba tagħhom, ir-Rikorrenti qed jitolbu li l-azjendi intimati jiġu kkundannati jħallsuhom l-ammont ta' seba mija u ħamsin Euro (€750.00) rappreżentanti l-prezz li huma kienu ħallsu għal żewġ saqqijiet tal-*memory foam* li fil-fehma tagħhom, ġew mibjugħa lilhom minkejja li allegatament ma kienux addattati għall-ħtiġijiet tagħhom.

Illi permezz tar-Risposta li huma ppreżentaw konġuntivament, l-azjenda intimati jilqgħu għat-Talba tar-Rikorrenti billi jsostnu li dan mhuwiex każ fejn ir-Rikorrenti qed jilmentaw li s-saqqijiet huma difettużi jew ta' kwalità ħażina iżda solament dwar il-moffa. In konnessjoni ma dan, jgħidu li ma għandhom l-ebda kontroll dwar din il-problema u li ma jafux is-saqqijiet kif kienu qed jintużaw mir-Rikorrenti, f'liema ambjent tpoġġew, u jekk kienux qed jiġu arjati. Aktar importanti, targumenta li l-fatt li d-daqqijiet tpoġġew fuq sodda bil-qiegħ sħiħ ukoll ma jgħinx sabiex ma tiffurmax il-perspirazzjoni li takkumula f'umdità u eventwalment f'moffa.

Illi fix-xhieda tagħha bil-ġurament, ir-Rikorrenti Aimee Cassar tispjega li meta marret fil-ħanut biex tordna s-saqqijiet, kienet ħadet magħha dijagramma tas-soddod fejn kienu ser jitpoġġew is-saqqijiet. Tgħid li minħabba li s-soddod għandhom il-qiegħ sħiħ, kien ġie suġġerit lilha mis-*salesperson* li tieħu mudell ta' saqqu li għandu "3D Airband". Tgħid li hija kienet tagħmel *rotation* tas-saqqijiet kull ħmistax u darba minnhom innutat bħal tikki żgħar skuri fuq il-*cover* u meta neħħiet dan il-*cover* skopriet li s-saqqijiet kellhom "tbabar strambi li dehru bħal qishom moffa". Dan seħħ madwar għaxar xhur wara l-konsenja tas-saqqijiet. Tikkonferma li eventwalment saru toqob ta' ventilazzjoni fil-qiegħ tas-soddod u l-problema issolviet tant li s-saqqijiet għadhom fl-użu.

Illi Anthony Vella xehed f'isem l-azjendi intimati. Jispjega li meta mar fuq il-post, kien innota li s-soddod kellhom il-qiegħ sħiħ mingajr *slats* u kull ma kien hemm kienu erba toqob żgħar li fil-fehma tiegħu ma kienux suffiċjenti sabiex is-saqqijiet jieħdu l-arja. Vella jgħid li meta ġibed l-attenzjoni tar-Rikorrenti dwar il-kawża probabbli tal-problema, kienet talbitu sabiex jagħmel is-*slats* huwa stess iżda huwa kien irrifjuta minħabba li s-sodda kienet mixtrija mingħand terzi. Spjega li l-azjendi ma jagħtux garanzija kontra moffa u għalkemm dan ma kien speċifikat fl-ebda dokument, huwa probabbbilissimu li is-*salesperson* spjegat dan il-fatt lir-Rikorrenti.

Illi in kwantu ta' fatti, l-verzjonijiet taż-żewġ Partijiet jaqblu f'dak li jirrigwarda t-talba tar-Rikorrenti sabiex isiru is-*slats* fil-qiegħ tas-soddod. F'*email* mibgħuta lill-azjendi intimati fis-6 ta' Settembru 2021, ir-Rikorrenti Aimee Cassar tirrikonoxxi li l-problema kienet ikkawżata mill-fiżjonomija tas-soddod u fil-fatt tgħid li hi żewġha "*will bear the expense of buying slats from yourself at a reduced price, bear the costs of a carpenter to install them and make more ventilation holes in the base of the bed, at our expense*". Intant, it-Tribunal ra r-ritratt tal-qiegħ tas-soddod ippreżentat mir-Rikorrenti u dan jindika *ictu oculi* li l-qiegħan kienu sħaħ għajr għal erba toqob ta' ċirkonferenza żgħira ħafna.

Illi fil-fehma tat-Tribunal għalhekk, il-punt kardinali in konestazzjoni bejn il-Partijiet huwa jekk fil-fatt ingħatax il-parir li s-saqqijiet kienu addattati għall-użu minkejja li

s-soddod kellhom il-qiegħ sħiħ u mingħajr ventilazzjoni. Fi kliem ieħor, l-eżami li jrid jagħmel dan it-Tribunal huwa jekk kienx hemm *misselling* minn naħa tal-azjendi intimat jew inkella hux każ li r-Rikorrenti assumew ir-riskju li jużaw saqqijiet tal-*memory foam* fuq soddod bil-qiegħ sħiħ ossija mingħajr *slats*. Fuq dan il-punt, il-verjżjonijiet tal-Partijiet huma diverġenti.

Illi t-Tribunal jissenjala min issa li l-asserzjoni tar-Rikorrenti illi hija kienet tagħmel *rotation* tas-saqqijiet kull ħmistax qajla hija kredibbli, għax li kieku kien il-każ, hija kienet tinduna li kienet qed tibda tiżviluppa l-moffa gradwalment. Ir-Ritratti eżebiti juru li r-Rikorrenti ndunaw bil-problema biss meta din kienet kibret ħafna u tista' tgħid li kien hemm il-partijiet kollha tal-qiegħ tas-saqqu affettwati mill-moffa.

Illi intant, huwa pależi li l-verżjonijiet rispettivi tal-Partijiet f'din il-vertenza huwa dijametrikament opposti għal xulxin. Il-Qrati taghna jghallmu li "il-konflitti ta' provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilità u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant" (***Farrugia vs Farrugia***, Prim' Awla tal-Qorti Civili, 24 ta' Novembru 1966, Vol XXXVI, P.I, p.319). Fis-sentenza fl-ismijiet ***Adam Bugeja vs Charles Falzon et,*** (Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, 23 ta' Ottubru 2013), il-Qorti tghid li "fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi , il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet."

Illi fuq l-iskorta tal-priċipju suċitati, minn eżami akkurat tal-provi, fuq bażi ta' probabbilità, it-Tribunal mhux konvint li effettivament qatt kienu ingħataw xi aċċertazzjonijiet partikolari mir-rappreżentant tal-azjendi intimati lir-Rikorrenti li s-saqqijiet in kwistjoni jistgħu jintużaw fuq soddod bil-qiegħ mingħajr *slats* mingħajr risklju ta' moffa.

Illi jmiss issa li t-Tibunal jikkonsidra kemm kien faċli għar-Rikorrenti li jqisu jekk il-prodott mixtri minnhom kienx fil-fatt addattat għall-ħtiġijiet tagħhom (indipendentament minn dwalunkwe dikjarazzjonijiet *o meno* minn naħa tal-bejjiegħ).

Illi fuq dan il-punt, it-Tribunal jirreferi għad-**Direttiva 2005/29/KE dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern**, sejatament għall-Artikolu 6(1)(b) li jgħid li "prattika kummerċjali għandha titqies bħala qarrieqa jekk ikun fiha tagħrif falz u għalhekk ma tkunx tikkorrispondi għall-verità, jew li b'xi mod, anki bil-preżentazzjoni totali tagħha, tqarraq bil-konsumatur medju, anke jekk it-tagħrif ikun korrett fattwalment, fir-rigward ta' wieħed jew iktar mill-elementi li ġejjin, u li f'kull każ iġġiegħlu jew x'aktarx iġġiegħlu jieħu deċiżjoni transazzjonali li ma kienx jieħu f'ċirkostanzi oħra: [...] il-karatteristiċi ewlenin tal-prodott, bħad-disponibbiltà, il-benefiċċji, ir-riskji, l-eżekuzzjoni, il-kompożizzjoni, l-aċċessorji, l-assistenza ta' wara l-bejgħ għall-konsumatur u t-trattament ta' ilmenti, il-metodi u d-data ta' manifattura jew tal-provvista, il-kunsinna, l-idoneità għall-għan, l-użu, il-kwantità, l-ispeċifikazzjoni, l-oriġini ġeografika jew kummerċjali jew ir-riżultati li wieħed jistenna mill-użu tiegħu, jew ir-riżultati u l-karatteristiċi importanti ta' eżamijiet jew kontrolli magħmula tal-prodott".

Illi l-istess Direttiva tiddefinixxi l-Konsumatur medju bħala wieħed li "huwa infurmat raġonevolment tajjeb u raġonevolment attent u kawt, billi tieħu kont ta' fatturi soċjali, kulturali u lingwistiċi, kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja iżda tinkludi dispożizzjonijiet li l-għan tagħhom huwa l-prevenzjoni ta' l-isfruttament tal-konsumaturi li l-karatteristiċi tagħhom jagħmluhom partikolarment vulnerabbli għal prattiċi kummerċjali żleali" (*Recital* numru 18).

Illi fl-eżami sabiex jara kemm kien faċli għar-Rikorrenti li jagħrblu jekk il-prodott mixtri minnhom kienx fil-fatt addattat għall-ħtiġijiet tagħhom, minn sempliċi tfittxija fuq l-*internet* instabet is-segwenti informazzjoni li tispjega perfettament iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ preżenti:

> *"These mattresses [memory foam] are made using a variety of different foams. The problem with foam is that it absorbs moisture and holds it incredibly well, meaning that the sweat and liquid from your body can be held in the mattress for a long time. This moisture can get to the bottom of the bed, where it can facilitate the growth of mold.*
>
> *Memory foam mattresses are arguably more susceptible to mold than traditional coil or spring mattresses because memory foam lays flat against the ground and holds moisture well. These two factors ensure that there is less air flow against the bottom and there is plenty of moisture, both of which encourage the growth of fungus.*
>
> *To prevent this fungus from growing on the underneath of your bed, try to make a conscious effort to allow airflow under the mattress and bed.*

*Open the window in your room as well as your bedroom door and a window in a different room, causing airflow throughout the home.*

*Similarly, ensure that there is a sizable gap between your mattress and the floor and preferably opt for bed slats rather than a box spring which completely prevents air from reaching the bottom of the mattress".*

*[https://www.choosemattress.com/mold-on-mattresses/]*

Illi t-Tribunal iqis għalhekk li b'eżerċizzju ta' diliġenza bażika u ordinarja, kien prevedibbli għar-rikorrenti li jekk saqqu tal-*memory foam* jintuża bil-mod kif intuża, u ċioè b'ventilazzjoni negliġibbli, ikun passabbli għal problema ta' moffa.

**Deċiżjoni:**

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba billi jiċħadha *in toto*.**

**Kull parti ġġorr l-ispejjeż tagħha.**

**Avv. Mattia Felice**
***Arbitru***